

31996L0030

22.5.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 122/14

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/30/KE**tat-13 ta' Mejju 1996**

li temenda d-Direttiva 94/80/KE li tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u li wieħed jippreżenta ruħu bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini ta' l-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li ma għandhomx iċ-ċittadinanza tiegħu

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8b(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE tad-19 ta' Diċembru 1994 KE li tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u li wieħed jippreżenta ruħu bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini ta' l-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li ma għandhomx iċ-ċittadinanza tiegħu ⁽³⁾, jelenka l-unitajiet bażiċi tal-gvern lokali f'kull Stat Membru;

Billi, wara l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, l-Anness tad-Direttiva 94/80/KE għandu jiġi emendat sabiex jipprovdi referenza għall-unitajiet bażiċi tal-gvern lokali ta' dawn it-tliet pajjiżi;

Billi, skond l-Att ta' Adeżjoni ta' daww il-pajjiżi, id-Direttiva 94/80/KE hija applikabbli għall-gżejjer Åland, fejn ċittadini Finlandiżi li ma jgawdux iċ-ċittadinanza reġjonali ta' daww il-gżejjer u ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni huma soġġetti għall-istess kondizzjoni relatata mal-perjodu ta' residenza għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u li wieħed jippreżenta ruħu bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness għad-Direttiva 94/80/KE għandu jidher dan li ġej:

"fl-Awstrija:

Gemeinden, Bezirke in der Stadt Wien

fil-Finlandja:

kunta, kommun, kommun på Åland

fl-Isvezja:

kommuner, landsting."

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-13 ta' Mejju 1996.

*Għall-Kunsill**Il-President*

S. AGNELLI

⁽¹⁾ ĠU C 65, ta' l-4.3.1996, p. 201.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fid-29 ta' Frar 1996 (għadha mhix publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 368, tat-30.12.1994, p. 38.